

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1687**tal-20 ta' Settembru 2016****li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Għandha titneħħa persuna wħħda mil-lista ta' persuni fiżiċċi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif tinsab fit-taqsimi A tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44.
- (3) L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:**Artikolu 1**

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa b'dan emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill**Il-President**I. KORČOK*

(¹) ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNESS

L-isem tal-persuna li ġeja u l-entrata relatata huma mħassra mil-lista li tinsab fit-taqṣima A tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44:

A. Persuni

15.	Kurunell Taher JUWADI
-----	-----------------------